# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Eugenio Galea**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Eugenio Galea** detentur tal-karta tal-identita' numru 669758M fejn ġie akkużat talli fit-22 ta' Mejju 2015 għall-ħabta ta' bejn nofsinhar u nofsinhar u għoxrin minuta (1200-1220) ġewwa il-fond 85 Triq Pietru Pawl Caruana ġiegħel annimal (kelb) isofri minn uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u/jew abbandun billi tefgħu ġewwa bir bl-ilma u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u (3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali quddiem din il-Qorti presjeduta differenti, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Yana Micallef Stafrace tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Ra' li permezz ta' digriet datat 27 ta' Ġunju 2016 din il-Qorti, kif presjeduta iddikjarat li l-kawża ġiet intavolata quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali mentri skont l-Artikolu 8(2)(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta il-piena erogabbli kienet teżorbita l-kompetenza oriġinali ta' din il-Qorti. Il-Qorti rat ukoll li fi kwalunkwe każ il-kompilazzjoni tal-provi ma kienux magħluqa skont l-Artikolu 401(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-anqas ma kien hemm il-kunsens bil-miktub tal-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-4 ta' Lulju 2016 fejn dil-Qorti bagħtet l-atti ta' din il-kawża lill-Avukat Ġenerali sabiex jipproċedi ai termini tal-Artikoli 432(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tar-rinviju ai termini tal-Artikolu 432(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-18 ta' Lulju 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma mill-ġdid l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Benjamin Valenzia tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

# ***<u>DEĊIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 8(2)(3) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat **Eugenio Galea** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Kwantu ta' piena il-Qorti rat ukoll l-artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali u qegħda tikkundanna lil ħati għal perjodu ta' **<u>tmintax il-xahar priġunerija</u>** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **<u>sentejn</u>** mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu

28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre il-Qorti qegħda tikkundannah ukoll għal multa ta' elf euro (€1000) li għandha titħallas sa' mhux aktar tard minn tliet snin millum.

Il-Qorti tordna wkoll li l-atti ta' din il-kawża kif ukoll din is-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiet mill-lum u dan ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali.

***Mogħtija illum it-18 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***